MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 48/2007

Il-Pulizija
(Mag. S. Garzia)

Vs

Charles Galea

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Marzu, 2006, ghall-habta tas-7.20 hrs, fi Triq San Gorg, San Giljan,

1. ghamel jew ippermetta l-uzu tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCC 202 ghall skopijiet ohra barra dawk li hi licenzjata ghalihom;
2. waqt li kien jaghmilha ta' driver, ghabba jew garr numru ta' passiggieri aktar minn dak stabillit;

3. saq l-imsemmija vettura b’kiri jew b’kumpens minghajr ma kellu “tag” tal-identita’ mahruga mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta;
4. saq l-imsemmija vettura nru. LCC 202 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan adatta mill-Kummissarju tal-Pulizija, jew mil-Awtorita’ tat-Trasport ta’ Malta biex isuq l-imsemmija vettura;
5. b’hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Frar, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 26 AL 476/04, 69(1)(2), AL 128/94, 131(1), AL 44/2006, 15(1)(a)(3) Kap. 65 u 3(1) Kap. 104, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-hlas ta’ ammenda ta’ ghoxrin lira Maltin (LM20) fuq it-tieni w it-tielet akkuza w hlas ta’ multa ta’ elf u mitt lira Maltin (LM1,100) fuq l-akkuzi l-ohra, oltre li skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenz appellanta, billi tikkonfermaha dwar fejn sabitu hati li saq minghajr licenzzja, w tirrevokaha ghall-kumplament, u minflok il-piena nflitta taghti wahda li taghmel ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’:- Li skond l-ahhar gurisprudenza ma hemmx reat meta fuq il-vettura jkun hemm assikurazzjoni. L-appellant ma setax jipprova li kellu licenzja tas-sewqan ghax ma sabhiex pero’ huwa jichad li ghabba aktar minn seba min-nies u li ghamel kien b’ favur u b’ mod temporanju. Li l-provi ma kienux hlief *hearsay* in parti u cioe’ dak li qalu n-nies li ma telghux jixhdu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal tat-8 ta' Marzu, 2007, li bih Dr. Joseph Brincat ghall-appellant iddikjara li mhux kontestat li l-appellant m'ghandux licenzja tas-sewqan u li fil-jum imsemmi fic-citazzjoni kien qed isuq il-Mini Bus proprjeta' ta' Camilleri u li lanqas ma jikkontesta li kellu nies aktar milli suppost rekbin u li lanqas ma jikkontesta li ma kellux t*ag*.

Semghet ix-xiehda ta' Brian Farrugia;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota tal-appellant tal-15 ta' Marzu, 2007;

Rat in-nota responsiva tal-Avukat Generali tat-30 ta' Marzu, 2007;

Ikkonsidrat;

Illi wara l-verbal fuq imsemmi jidher li l-aggravji tal-appellant jikkoncernaw biss is-sejbien ta' htija dwar il-hames imputazzjoni w cioe' dik li kien qed isuq il-vettura LCC 202 meta ma kienx kopert bil-Polza tas-Sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni, ghaliex l-imputazzjonijiet l-ohra ma hemmx kontestazzjoni dwarhom.

**BRIAN FARRUGIA**, li xehed in rapprezentanza tal-Awtorita' Dwar it-Trasport u bhala Legal Officer tal-istess Awtorita' qal li l-appellant, mir-ricerki li hu ghamel, ma ghandu ebda tip ta' licenzja tas-sewqan taht l-ebda kategorija. Il-vettura LCC 202, Isuzu Van, li bhala *seating capacity* hu licenzjat biex jghabbi tmin persuni inkluz id-driver, hu registrat fuq Emmanuela Camilleri w ilhu hekk registrat mis-6 ta' Novembru, 2005 u ghadu hekk registrat sal-lum. Fit-13 ta' Marzu, 2006, licenzja kellu w, la ghandu licenzja, ghandu insurance. Biex l-Awtorita' tohrog licenzja dak li jkun irid ikun ipproduca insurance valida. Huma pero' ma jkollhomx kopja tal-Policy. (sottolinear ta' din il-Qorti)

Ikkonsidrat;

L-appellant qed jinvoka s-sentenza ta’ din il-Qorti : **“Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi**” [3.11.2005], fejn il-fattispecji kienu li Scuderi, fiz-zmien imsemmi fl-akkuza, ma kellux licenzja tas-sewqan pero’ kien irrizulta li l-vettura minibus li kien qed isuq kienet koperta b’ polza ta’ assikurazzjoni.

F’ dik il-kawza l-appellant kien silet b’success argument mill-artikolu 10(1) tal-Kap.104 li jghid testwalment hekk ;-

*“Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta’ sigurta’ taht is-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta’ li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta’ koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f’ dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista’ jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, ihallas lil-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta’ flus li ghandha tithallas bis-sahha ta’ dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta’ fuq imsemmija ….”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Is-subartikoli (2) u (3) umbaghad jelenkaw serje ta’ eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta’ hlas.

Illi din il-Qorti kienet allura ddecidiet li minn din id-dicitura ta’ dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta’ assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta’ ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa’ l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-risjki ta’ terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat.

Jidher li dan il-kaz bhala fattispecji hu simili hafna ghal dak ta' **Scuderi,** fejn ukoll irrizuta li l-appellant kien qed isuq Mini Bus li kien assikurat pero' hu ma kellux licenzja.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, l-Avukat Generali jissottometti li d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 104 iridu jinqraw flimkien ma dak li jipprovdi w jistipula l-artikolu 3 tal-Kap. 104 il-ghaliex fin-nuqqas li dan isir mhux biss l-intenzjoni tal-legislatur ma tkunx qed tigi osservata, izda aktar minn hekk tkun qed tinholoq anomalija legali fis-sens illi dak li fl-ewwel nifs jipprospetta l-legislatur fl-artikolu 3 tal-Kap.104 jkun kontradett f' nifs iehor fl-artikolu 10 ta' l-istess Att, b' rizultat li johloq incertezza kbira mhux biss ghall-Qrati dwar fuq min jinkombi l-oneru tal-prova f' dawn it-tipi ta' kawzi izda johloq incertezza f' mohh kull sewwieq ta' vettura w tal-kumpaniji assikuratrici dwar kif ghandhom jirregolarizzaw ruhom f' dawn it-tipi ta' kazijiet.

Ikkonsidrat;

Illi l-Avukat Generali ssottometta li bejn l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lill-artikolu 10 (1)(2) u (3) fil-kaz ta' **Scuderi** fuq citat u l-artikolu 3 (1A) tal-Kap.104 jista' jkun hemm certa kontradizzjoni apparenti. [1]

Din pero' fil-fehma tal-Qorti- kif gja gie ritenut fl-Appell Kriminali "Il**-Pulizija vs. Stefan Apap**" [26.4.2007], hija biss apparenti w tista' tigi rikonciljata. Di fatti fejn ikun jidher *prima facie* ghall-prosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita' Dwar it-Trasport li l-vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq u allura, bis-sistema amministrattiv prevalenti llum, necessarjament koperta b' polza ta' assikurazzjoni, kif inhu l-kaz prezenti u kif kien dak ta' **Scuderi,** jibqa' dejjem jinkombi fuq il-

[1] *B' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (T. Mallia J.) "**L-Avukat Dottor Alfred Grech vs.L-Avukat Generali"** tas-27 t' April, 2007 , gie deciz li l-art. 3 (1A) tal-Kap. 104 ma jmurx kontra l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta, L-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea.*

prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti.

Invece fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment ukoll ma tkunx koperta b' polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta fl-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-art. 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata.

Fl-ewwel kaz, ladarba l-vettura tkun licenzjata, l-Awtorita' Dwar it-Trasport tkun taf ma min hi assikurata l-vettura w din hija facilment identifikabbli ghall-prosekuzzjoni w tkun tista' tigi ngunta biex tiddeponi dwar il-kontenut tal-polza w xi ezenzjonijiet jew limitazzjonijiet li tista' tikkontjeni fit-termini tal-art. 10 tal-Kap.104, billi okkorrendo anki tesibixxi kopja tal-istess polza. F' kazi bhal dawn ikun assurd li ghalkemm jirrizulta car li hemm polza, tiskatta l-prezunzjoni li ma hemmx polza kontenuta fl-art.3 (1A).

Fit-tieni kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovna jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikuratrici, ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3 (1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi.

Ikkonsidrat ;

Issa fl-istat tal-provi kif inhu, minkejja li jirrizulta mix-xiehda ta' Brian Farrugia li l-mini bus involuta kienet licenzjata u allura necessarjament koperta b' polza tas-sigurta', l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova, bhal nghidu ahna da parti tad-ditta assikuratrici, li kien hemm xi wahda jew aktar mir-cirkostanzi li jezentaw lill-assikuratur milli jhallas. Ghalhekk ladarba hemm l-obbligu generali tal-assikuratur li jhallas kull fejn tkun inharget polza (u f'

dan il-kaz rrizulta li polza inharget ghax kieku l-vettura ma kienetx licenzjata mall-Awtorita' Dwar it-Trasport) w ma giex pruvat li tezisti xi wahda mill-eccezzjonijiet ghal din l-obbligazzjoni, jidher li ma rrizultatax pruvata il-hames imputazzjoni. Konsegwentement dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w fil-waqt li tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat lill-appellant hati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet w fejn ikkundannatu jhallas ammenda ta' LM20 fuq it-tieni w fuq it-tielet imputazzjoni, tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni ta' sewqan bla ma kien kopert b' polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni w fejn ikkundannat lill-appellant ghall-multa ta' elf u mitt lira Maltin (LM1100) fuq l-ewwel, ir-raba u l-hames akkuzi w fejn ukoll skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data tal-istess sentenza u minnflok ma ssibux hati tal-hames imputazzjoni w minnha tilliberah u konsegwentement tikkundannah biss ghall-multa ta' mitt lira Maltin (LM100) fuq l-ewwel u r-raba' imputazzjoni w tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' tlitt xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------